

Brussell, 23 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

6446/21
ADD 27

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 23 ta' Frar 2021

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2021) 38 final - Part 6/9

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-
IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-
Kunsill li jstabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa
Sħubija Ewropea għall-Ġestjoni Integrata tat-Traffiku tal-Ajru

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 6/9.

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 6/9



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 38 final

PART 6/9

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'
Orizzont Ewropa**

Sħubija Ewropea għall-Ġestjoni Integrata tat-Traffiku tal-Ajru

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

Valutazzjoni tal-impatt dwar is-sħubija Ewropea għall-ġestjoni integrata tat-traffiku tal-ajru

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Minkejja l-progress sinifikanti li sar fl-aħħar għaxar snin dwar l-immodernizzar tal-infrastruttura tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM), sa 10 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ iġġenerati minn titjiriet huma kkawżati minn infrastruttura tal-ATM frammentata li ma tiħux vantaġġ sħiħ mid-diġitalizzazzjoni u mill-awtomatizzazzjoni; dawn l-emissjonijiet jistgħu jiġu evitati. Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt sinifikanti fuq it-trasport bl-ajru u kixfet id-dgħufijiet tas-sistemi tal-ATM attwali. Qatt qabel ma kien hemm din il-pressjoni fuq l-infrastruttura tal-ATM biex issir aktar kosteffiċjenti, reżiljenti u skalabbli għall-fluttwazzjonijiet fit-traffiku, u biex takkomoda tipi ġodda ta' vetturi tal-ajru.

Iċ-ċiklu innovattiv fl-ATM jenħtieġ li jitqassar ukoll, biex jippermetti lill-atturi industrijali fis-settur biex jibqgħu kompetittivi u jappoġġaw firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet fit-trasport (eż il-passiġġieri, il-merkanzija, id-droni u l-mobbiltà fl-ajru urbana), fid-difiża u s-sigurtà (kooperazzjoni ċivili-militari fil-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru).

L-indirizzar ta' dawn il-problemi multipli f'kuntest kumpless u li qed jevolvi b'mod rapidu jeħtieġ sforz kollettiv sostanzjali biex tingħata spinta lill-kooperazzjoni u lill-investment fl-innovazzjonijiet li ma jistgħux jiġu indirizzati minn kwalunkwe parti kkonċernata jew Stat Membru li jaġixxi waħdu. Min-natura tagħha, l-avjazzjoni hija internazzjonali u teħtieġ azzjoni komuni u kkoordinata.

X'jenħtieġ li jinkiseb?

L-objettiv huwa maqsum fi tlieta:

- 1) L-ATM Ewropea tittieħed fl-era diġitali biex issir aktar reżiljenti u skalabbli għall-fluttwazzjonijiet fit-traffiku;
- 2) tissaħħaħ il-kompetittività tat-trasport bl-ajru bi jew mingħajr ekwipaġġ fl-UE, biex jiġu appoġġati t-tkabbir ekonomiku u l-irkupru f'kuntest ta' wara l-COVID;
- 3) jiġi stabbilit l-“ajru uniku Ewropew” bħala l-ispazju tal-ajru l-aktar effiċjenti u favur l-ambjent fid-dinja.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

L-intervent tal-UE (finanzjament u koordinazzjoni) huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-isforzi biex jintlaħqu l-objettivi msemmija hawn fuq jiġu aċċellerati u ffukati aħjar¹. Fil-prattika, dan ifisser li jlaqqgħu flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fis-settur, mill-manifatturi sal-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru, il-linji tal-ajru, l-ajruporti, l-istituti tar-riċerka u l-militari, biex jiġu żviluppati teknoloġiji trasformattivi u interoperabbli li jirrispondu għall-isfidi msemmija hawn fuq. Jekk il-problemi ma jiġux indirizzati permezz ta' intervent tal-UE b'saħħtu u kkoordinat, huwa probabbli li programmi nazzjonali joħorġu fuq bażi *ad hoc*, speċjalment f'dinja wara l-COVID, li jirrisolvu kwistjonijiet lokali iżda li jżidu l-frammentazzjoni tan-network Ewropew għall-ATM.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-objettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?

L-għażliet ta' politika (POs) ivarjaw skont il-grad ta' flessibilità u addizzjonalità/direzzjonalità:

PO0: Sejthiet għal proposti ta' Orizzont Ewropa — aġenda strateġika tar-riċerka stabbilita u kkonfermata mill-Kummissjoni, bil-kontribut mill-industrija;

PO1: Sħubija Ewropea koprogrammata — aġenda tar-R&I hija miftehma u kkoordinata mas-sħubija u

¹ F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-QEA, SR 18/2018, SR 11/2019.

użata mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni fil-programm ta' ħidma;

PO2: sħubija Ewropea istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 tat-TFUE — il-membri tas-sħubija se jkollhom livell għoli ta' influwenza fl-iżvilupp tal-aġenda strateġika tar-riċerka, fil-programmi ta' ħidma annwali u fis-suġġetti tas-sejthiet, permezz ta' proċess trasparenti u aċċessibbli, adottat mill-bord ta' tmexxija tas-sħubija, li fih huma rrappreżentati kemm l-UE, kif ukoll is-sħab.

Il-**PO1** pjuttost toffri kost aktar baxx u flessibilità akbar mill-**PO2**, bis-saħħa ta' struttura ta' sħubija organika li qed tevolvi u l-kamp ta' applikazzjoni għall-adattament tal-aġenda tar-R&I.

Il-**PO2** hija l-għażla ppreferuta, għaliex hi tistabilixxi l-pjattaforma l-aktar effiċjenti, u kapaċi taċċellera l-għoti tal-akbar benefiċċji (ara hawn taħt). Meta mqabbla mal-**PO1**, din għandha wkoll l-akbar direzzjonalità u impenn aktar b'saħħu mill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet intergovernattivi bħal Eurocontrol, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA).

Il-**PO2** hija marġinalment l-aktar għażla għalja, iżda b'aktar minn 60 % tal-kostijiet koperti mis-sħab privati u l-akbar kapaċità biex joffru l-impatti mistennija, hija toffri l-aqwa valur għall-baġit tal-Unjoni.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

B'mod kumplessiv, hemm livell għoli ta' ftehim bejn il-partijiet ikkonċernati dwar il-problemi, l-oġettivi u l-għażla ppreferuta għall-futur. Aktar minn 70 % tat-tweġibiet fil-konsultazzjoni pubblika appoġġaw l-istabiliment mill-ġdid tas-sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 tat-TFUE, u indikaw li s-settur jeħtieġ intervent qawwi mill-UE biex imexxi programm Ewropew uniku tar-R&I li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati b'mod kontinwu matul il-katina tal-valur kollha biex iwassal soluzzjonijiet interoperabbli li, ladarba jkunu varati, itejbu l-prestazzjoni u s-sikurezza tas-sistemi tal-ATM fl-UE.

Fehmiet prinċipali oħra:

- Jenħtieġ li s-sħubija jkollha rabtiet aħjar bejn ir-R&I u l-industrijalizzazzjoni;
- Jenħtieġ li tappoġġa l-addozzjoni mis-suq u l-varar;
- Jenħtieġ li l-proċeduri amministrattivi jiġu ssimplifikati;
- Jenħtieġ li jkun hemm involviment aktar mill-qrib mal-EASA u mal-awtoritajiet nazzjonali, sinerġiji aħjar mas-sħubijiet tar-R&I u mal-inizjattivi nazzjonali, u rabtiet aħjar mal-akkademja.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?

Impatti xjentifiċi: it-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi tal-UE u l-għarfien dwar l-ATM; it-twessigħ tal-kompetenzi tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-professjonisti tal-avjazzjoni;

Impatti ekonomiċi/teknoloġiċi: iż-żieda fl-iskalabilità u s-sikurezza tas-sistemi tal-ATM; opportunitajiet ġodda sabiex is-suq tad-droni jikber; it-tisħiħ tar-rwol ta' tmexxija globali tal-industrija Ewropea ajruspazjali u tal-avjazzjoni;

Impatti soċjali: it-tnaqqis tal-istorbju tal-avjazzjoni u tal-emissjonijiet tal-gass b'marġni ugwali għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' żona metropolitana kbira tal-UE (eż Madrid); esperjenza tal-passiġġier imtejba (tnaqqis fil-ħin tal-ivvjaġġar, fid-dewmien u tal-kostijiet, u konnettività aħjar).

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?

Il-kostijiet addizzjonali prinċipali mqabbla mal- **PO0** huma t-tnejn u l-kostijiet operazzjonali tal-back office tas-sħubija. Madankollu, meta jitqies l-ingranaġġ finanzjarju (ir-rati ta' kofinanzjament) u l-baġit totali disponibbli għal kull għażla ta' politika, jekk tiġi preżunta kontribuzzjoni simili tal-Unjoni, il-kost tal-għażla ta' politika ppreferuta taqbeż dik tal-aktar waħda effiċjenti b'1-2 punti perċentwali biss. Barra

<p>minn hekk, l-esperjenza wriet li sħab oħra, inklużi dawk istituzzjonali, huma lesti li jkopru aktar minn 60 % tal-kostijiet amministrattivi tal-impriża konġunta.</p>
<p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</p>
<p>L-SMEs x'aktarx li jkollhom rwol importanti fis-sħubija, għaliex huma rrappreżentati tajjeb fit-teknoloġiji diġitali u fl-attivitajiet tad-<i>data</i> u tad-dron. Li jkun hemm struttura ta' sħubija miftuħa u sejħiet miftuħa se jagħmluha aktar faċli għall-SMEs biex jipparteċipaw milli kien fil-passat.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</p>
<p>Ma hu mistenni l-ebda impatt fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, bis-saħħa tal-allinjament tal-istrateġiji. L-involviment attiv tal-Istati Membri fis-sħubija għandu jsaħħaħ l-impenn tagħhom għat-teknoloġiji li jirriżultaw u jżidu l-adozzjoni tagħhom u l-varar sinkronizzat madwar l-UE.</p>
<p>Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?</p>
<p>Is-sħubija proposta se tkun strumentali biex tipprovdi l-evidenza rilevanti xjentifika u teknoloġika fl-avjazzjoni biex tgħin lil dawk li jfasslu l-politika u lir-regolaturi biex jadottaw l-aqwa miżuri regolatorji biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni.</p>
<p>Proporzjonalità?</p>
<p>Fil-PO1, is-sħab għandhom il-flessibilità li jingħaqdu jew joħorġu mis-sħubija. L-aġenda tar-R&I tista' wkoll tiġi adattata faċilment hekk kif it-teknoloġija jew ir-rekwiżiti l-oħra jevolvu.</p> <p>Il-PO2 titlob impenn (finanzjarju) aktar b'saħħtu, li huwa ġġustifikat mill-effettività miżjuda u l-kapaċità li tiġi aċċellerata it-trasformazzjoni diġitali tal-ATM tant meħtieġa.</p>
<p>D. Segwitu</p>
<p>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</p>
<p>Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-mod ta' implimentazzjoni tliet snin wara l-ħolqien tas-sħubija.</p>